**Messaġġ tas-Sur Tony Micallef, Direttur tal-Uffiċċju Djoċesan tal-Volontarjat**

*Is-Seminarju, Tal-Virtù - 25 ta' Ottubru 2014*

Eċċellenza, Wisq Reverendi, Sinjuri,

tassew kienet okkażjoni sabiħa din tal-llum. Smajna taħdita li żgur ser tagħtina iktar enerġija u dimensjoni ikbar fil-ħidma volontarja tagħna. Prosit u f'isimkhom inrodd ħajr lil Fr. Joe Galea Curmi. Dak li ntqal waqt il-Workshops issa ser jiġi evalwat biex b'hekk nissoktaw insaħħu l-qasam tal-volontarjat fl-Arċidjoċesi. Grazzi lilkom li attendejtu u tajtu sehmkhom f'dan is-seminar. Inżommukhom aġġornati.

Din tal-llum kienet ukoll okkażjoni li fiha mexxejja ta' bosta entitajiet tal-Volontarjat fi ħdan l-Arċidjocesi ltaqgħu u qasmu flimkien l-esperjenzi u l-idejat tagħhom, kemm ma persuni li ilhom snin twal fil-qasam tal-Volontarjat kif ukoll ma' persuni li għadhom fil-bidu ta' din il-mixja sabiħa.

Kif tafu iktar minni, il-Knisja Maltija għanda storja glorjuża fejn jidħol il-Volontarjat. Is-Soċjeta Maltija kienet u għadha midjuna ħafna lejn din l-armata siekta ta' eluf ta' nies ġejjin minn kull klassi tas-soċjeta. Nies ta' fehmiet politiċi differenti li jiddeċċiedu li jwarrbu d-differenzi tagħhom u jaħdmu ghall-istess għan.

U dan mhux xi fenomenu li beda l-bieraħ tafux. Kburin li l-Knisja f'Malta kienet pijuniera f'dan il-qasam. Konvinti li lkoll kemm aħna ser nibqgħu nagħtu l-enerġija, il-ħin u d-dedikazzjoni tagħna. Għaliex in-Nisrani veru jemmen li ma jistax jibqa' passiv quddiem il-ħtiġiet u t-tbatijiet ta' ħaddieħor.

Qatt waqaft taħseb x'jiġri f'Malta kieku wħud mill-entitajiet li hawn magħna llum f'dan is-seminar, li tant jiddependu fuq mijiet ta' Volontiera, jieqfu joperaw?

Min-naħa tagħna, kien ghalhekk li ħassejna l-ħtieġa li naħdmu fuq dan il-Kodiċi t'Etika. Irridu nissoktaw insaħħu u fuq kollox naġġornaw il-ħidma volontarja tagħna. Sakemm ġie finalizzat dan il-Kodiċi kellna triq twila. Saru bosta laqgħat interni ma' realtijiet differenti tal-Arċidjocesi. Ninsabu fiduċjużi li dan il-Kodiċi ser joffri linji gwida ċari dwar id-drittijiet u d-dmirijiet kemm tal-entita' kif ukoll tal-volontiera. Ser inkomplu naħdmu biex inwasslu dan il-messaġġ fl-entitajiet tagħna, li flimkien mal-parroċċi, dalwaqt jirċievu kopja tiegħu.

Grazzi lil kull min wasslilna kummenti fuq l-abbozzi li ppreżentajna. Nixtieq li nrodd ħajr lil sħabi l-volontiera li jattendu l-Uffiċċju tagħna. Grazzi ħafna lil Avukatessa Dr. Ann Marie Mangion, li senza interessi tatna bosta *feedback* importanti. Grazzi ukoll lil Avukat Dominic Cassar. Iżda fuq kollox nirringrazzja lil Mons. Anton Gouder li kien strumentali

biex dan il-Kodiċi jiġi finalizzat. Nixtieq li minn qalb ukoll inrodd ħajr lil Radju Marija, li offrew li jxandru dirett dan is-seminar.

Iżda l-aħħar ringrazzjament tiegħi imur għall E.T. Mons Arċisqof Emeritus Mons Pawlu Cremona O.P. Kien hu li ftit inqas minn sentejn ilu inawgura l-Uffiċċju Djoċesan tal-Volontarjat. Inwegħdukhom li l-Uffiċċju tagħna ser jissokta jagħmel dak kollu li jista' biex ikun t'għajnuna għalikom.